MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta’ April, 2022

Appell Inferjuri Numru 7/2021 LM

**Evette Attard (K.I. 413876M)**
*(‘l-appellanta’)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(‘id-Direttur Ġenerali appellat’)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Evette Attard (K.I. 413876M)**, [hawnhekk ‘l-appellanta’], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa ’l quddiem ‘l-Arbitru’], tad-9 ta’ Ġunju, 2021 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’]. Permezz tad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru sab li d-deċiżjoni tal-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa ‘id-Direttur Ġenerali

appellat'] għar-rifużjoni ta' €34,933.08 li kienu tħallsu lir-rikorrenti bħala għajnuna u benefiċċji soċjali, kienet ġustifikata u għalhekk ċaħad l-appell tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata, u għalhekk interponiet minnha dan l-appell.

**Fatti**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrenti mid-Direttur Ġenerali intimat fl-4 ta' Jannar, 2017, hija ġiet infurmata li kellha trodd lura s-somma ta' €34,933.08 lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, wara li nstab li hija kienet tħallset indebitament għajnuna u benefiċċji soċjali. Il-ħlasijiet żejda li skont id-Direttur Ġenerali intimat saru lir-rikorrenti, jikkonsistu f'Għajnuna Soċjali fl-ammont ta' €2,625.57 għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2006 u l-31 ta' Diċembru, 2008; fl-ammont ta' €7,512.70 f'Għajnuna Soċjali għall-perijodu bejn it-3 ta' Jannar, 2009 sal-11 ta' Ġunju, 2010; fl-ammont ta' €988.82 f'Benefiċċju tal-Enerġija għall-perijodu bejn il-5 ta' Mejju, 2012 sal-25 ta' Settembru, 2015; fl-ammont ta' €23,405.99 f'Għajnuna Soċjali għall-perijodu bejn il-5 ta' Mejju, 2012 sat-18 ta' Diċembru, 2015; u fl-ammont ta' €400 f'*Child Supplement* għall-perijodu bejn l-4 ta' Ottubru, 2014 sat-2 ta' Ottubru, 2015.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, fejn spjegat li hija qatt ma kienet impjegata ma' terzi, u lanqas kienet persuna li taħdem għal

rasha, u għalhekk hija kienet intitolata għall-benefiċċji kollha li rċeviet matul is-snin.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb li l-appell tar-rikorrenti ma jikkonċerna l-ebda deċiżjoni fuq punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li seta' jiġi deċiż mill-Arbitru, iżda fuq *reminder* mibgħut mill-*Overpayment Section* tad-Dipartiment dwar diversi ħlasijiet li r-rikorrenti għandha tirrifondi lid-Dipartiment. L-intimat qal ukoll li r-rikorrenti kienet ġiet infurmata bid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat fiż-żmien opportun, u hija naqset milli tintavola appell fiż-żmien stipulat mil-liġi, u għalhekk illum il-ġurnata l-flus pretiżi mid-Direttur Ġenerali appellat huma kollha dovuti.

5. Sussegwentement għal din ir-risposta tad-Direttur Ġenerali appellat, ir-rikorrenti intavolat nota ta' sottomissjonijiet, li permezz tagħha infurmat lill-Arbitru li hija ma kinitx ġiet notifikata bid-deċiżjoni oriġinali li ttieħdet fil-konfront tagħha mid-Direttur Ġenerali appellat, u kien għalhekk li hija qatt ma ntavolat appell minn din id-deċiżjoni. Qalet ukoll li hija toqgħod fi blokka appartamenti, fejn xi drabi l-posta tagħha titħallat mal-posta ta' terzi, u kien għalhekk li hija ma kinitx irċeviet id-deċiżjoni oriġinali. Ir-rikorrenti qalet ukoll li hija qatt ma saret taf li din il-kwistjoni kienet ġiet deċiża kontra tagħha, għajr meta rċeviet l-ittra tad-Direttur Ġenerali intimat bl-ordni għall-ħlas. Żiedet tgħid li mis-seduti li nżammu quddiem l-Arbitru, kellu jirriżulta li hija ma kinitx ġiet notifikata bid-deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, għaliex in-notifika oriġinali ma twasslitx lilha permezz tal-posta reġistrata. Ir-rikorrenti qalet li in vista ta' dawn ir-riżultanzi, l-appell intavolat minnha quddiem l-Arbitru m'għandux jiġi ddikjarat null.

6. Għal din in-nota ta' sottomissjonijiet, id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb li apparti li l-appell tar-rikorrenti ġie intavolat wara *reminder* mill-*Overpayment Section,* l-ammont ta' €34,933.08 huwa fir-rigward ta' ħames *overpayments* differenti li jvarjaw minn perijodi differenti bejn is-17 ta' Ġunju, 2010 u s-7 ta' Jannar, 2016, u uħud minnhom ir-rikorrenti bilfors li kienet infurmata bihom għaliex kienu qegħdin jinqatgħu minn kull benefiċċju soċjali li kienet qiegħda tirċievi l-istess rikorrenti.

7. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fil-31 ta' Ottubru, 2018, dan iddeċieda li ma nstabet l-ebda prova li r-rikorrenti kienet ġiet notifikata kif titlob il-liġi bid-deċiżjoni li hija kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €23,405.99 f'Għajnuna Soċjali għall-perijodu bejn il-5 ta' Mejju, 2012 sat-18 ta' Diċembru, 2015, u għalhekk l-appell tagħha kellu jiġi mismugħ. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Diċembru, 2019, fejn din iddeċidiet li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-Arbitru sabiex dan jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar il-mertu.

8. Fil-proċeduri quddiem l-Arbitru, ġiet ippreżentata kopja tar-rapport investigattiv li tħejja minn uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fejn ġie spjegat li l-investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti nfetħet wara li din dehret f'programm televiżiv fejn spjegat li hija tmexxi l-post bl-isem "L-Arka ta' Noé" fis-Siġġiewi. Ir-rapport jgħid li mill-investigazzjoni li saret, irriżulta li r-rikorrenti qiegħda taħdem u għandha negozju li jispeċjalizza fil-qasam tas-saħħa fiżika, fejn fuq l-*internet* instabu saħansitra testimonjanzi ta' klijenti tar-rikorrenti li jirrakkomandaw is-servizzi tagħha. Ir-rapport jagħmel riferiment ukoll għal artiklu li deher fuq ġurnal lokali, fejn ir-rikorrenti tat l-impressjoni li hija għandha

relazzjoni ma’ persuna u li dawn jgħixu flimkien bħala familja. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li saru, irriżulta wkoll li fl-1 ta’ Lulju, 2008 ir-rikorrenti kienet involuta fi transazzjoni ta’ bejgħ ta’ proprjetà, liema transazzjoni kellha valur komplessiv ta’ €102,492. Mir-rapport jirriżulta wkoll illi kienet saret spezzjoni fir-residenza tar-rikorrenti, fejn din ġiet mitkellma minn uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u nġibditilha l-attenzjoni għall-fatt li kienu dehru reklami tas-servizzi li hija toffri, bit-testimonjanzi tal-klijenti tagħha. Minn dan ir-rapport jirriżulta li r-rikorrenti kienet wieġbet li wieħed ma jistax jemmen dak kollu li jara fuq l-*internet*, għalkemm sussegwentement ammettiet li tagħti xi klassijiet tat-taħriġ fiżiku u li għandha xi żewġ klijenti li tarahom kull tant żmien. Jirriżulta wkoll li r-rikorrenti qalet lill-uffiċjali tad-Dipartiment li bħala *single mother* hija tista’ taħdem. Ir-rikorrenti infurmat lill-uffiċjali li żaruha, li hija tieħu ħsieb ix-xogħol amministrattiv relatat mal-Arka ta’ Noé, u tagħmel dan ix-xogħol bla ħlas, għalkemm qalet li s-sid tal-post joffrilha għajnuna finanzjarja sabiex tkun tista’ tħallas is-self finanzjarju li għandha fuq id-dar fejn tgħix. Fi stqarrija miktuba li għamlet ir-rikorrenti sussegwentement għal din l-ispezzjoni, hija qalet li l-flus li jgħaddilha Anton Cutajar, is-sid tal-Arka ta’ Noé, jgħaddihomlha b’self, u hija dejjem sabet mezz kif tħallsu lura dawn il-flus.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

9. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta’ Ġunju, 2021, l-Arbitru ċaħad l-appell intavolat mir-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Saru żewġ appelli fir-rigward tal-istess deċiżjoni tad-Direttur u għaldaqstant l-arbitru ser jgħaddi biex jagħti deċiżjoni waħda fil-konfront tal-istess appell.*

*L-appell huwa fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur datata 4 ta' Jannar, 2017, fejn id-Direttur kien iddikjara illi l-appellanti kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €34,933.08 imqassmin:*

*Għajnuna Soċjali bejn 01.01.2006 sa 31.12.2008 - €2,625.57*
*Għajnuna Soċjali bejn 03.01.2009 sa 11.06.2010 - €7,512.70*
*Benefiċċju tal-enerġija bejn 05.05.12 sa 26.06.15 - €988.82*
*Għajnuna soċjali bejn 05.05.12 sa 18.12.15 - €2,3405.99*
*Child Supplement bejn 04.12.14 sa 02.10.15 - €400*

*Fl-appell relattiv l-appellanti talbet li d-deċiżjoni relattiva tiġi annullata billi hija qatt ma kienet taħdem.*

*Id-Direttur fir-risposta ddikjara illi l-appell ma setax isir billi dana ma kienx minn deċiżjoni tiegħu iżda sar minn ittra li kienet reminder dwar ammont dovut.*

*Dan wassal għal deċiżjoni preliminari fil-31 ta' Ottubru, 2018 fejn l-eċċezzjoni preliminari tad-Dipartiment ġie miċħud. Din id-deċiżjoni ġiet appellata iżda l-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri kkonfermat id-deċiżjoni tal-arbitru (15/18 Yvette Attard vs Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali 12.12.19).*

*Dwar il-mertu d-Direttur sostna l-pożizzjoni tiegħu illi l-appellanti tħallset l-ammont żejjed fuq medda ta' snin u dana fir-rigward tal-fuq riferiti benefiċċji.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Il-fatti kif dikjarati mid-Dipartiment huma ċari. Fl-appell tagħha, l-appellanti ddikjarat unikament li d-deċiżjoni tad-Direttur kienet żbaljata billi qatt ma kienet impjegata u wisq inqas self employed. L-appellanti ma ppreżentat ebda provi għajr dikjarazzjonijiet tagħha stess u għalhekk l-arbitru jrid jimxi fuq il-provi prodotti mid-Dipartiment.*

*Dawn il-provi huma ċari. Juru li fuq medda ta' snin twal l-appellanti kienet ċertament qed tagħmel riklam dwar servizzi minnha offruti fil-kamp ta' fitness. Dawn is-servizzi kienu offruti versu ħlas. Irriżultaw ukoll ammont ta' kummenti minn min uża s-servizzi tal-appellanti.*

*Jidher għalhekk illi d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur kienet waħda korretta u għaldaqstant l-appell huwa miċħud."*

**L-Appell**

10. Ir-rikorrenti ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fl-24 ta' Ġunju, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla l-istess sentenza billi tilqa' l-appell tagħha."*

11. Fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanti qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru. Spjegat li bħala fatt għandu jirriżulta li hija kellha xi ħbieb tagħha li kkumplimentawha dwar *fitness activities* li hija kienet tagħmel għaliha u għal sħabha. Qalet li meta l-ispetturi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali aċċedew fid-dar tagħha, dawn sabu li ma kien hemm ħadd jgħix magħha għajr iż-żewġ uliedha, u fid-dar kull ma kellhom kienu oġġetti meħtieġa għall-ħajja tagħhom ta' kuljum. Qalet ukoll li wara din l-ispezzjoni, hija ġiet notifikata bid-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali appellat appellat fil-konfront tagħha, u minn hemm skattaw dawn il-proċeduri. Qalet li hija ma tistax tifhem għal liema raġuni l-Arbitru ddeċieda li l-appell tagħha għandu jiġi miċħud, u dan minħabba l-mod pwerili li bih tmexxew dawn il-proċeduri, kif ukoll minħabba l-interpretazzjoni tal-provi li l-Arbitru jgħid li kien konvint minnhom sabiex wasal biex jiċħad l-appell tagħha. L-appellanta qalet li mir-rapport tal-investigaturi ma kellu jirriżulta xejn li seta' jpoġġiha f'dawl ħażin, u l-ilment prinċipali fil-konfront tagħha kien li hija tmexxi *fitness classes* bi ħlas u għalhekk hija qatt ma kienet intitolata għall-għajnuna soċjali. Żiedet tgħid li waqt l-ispezzjoni ma nstabet l-ebda evidenza ta' xi attività kummerċjali mid-dar tagħha, u għalhekk ir-rapport ma setax jikkonkludi li hija għandha xi tip ta' impjieg mhux uffiċjali. L-appellanta għamlet riferiment għall-kummenti u r-ritratti fuq is-*social media* li jsemmi r-

rapport, u qalet li dawn ir-ritratti huma inammissibbli stante li ma ġiex ikkonfermat min kien li tellagħhom. Qalet ukoll li jkun proċeduralment ottuż li l-Arbitru jaċċetta provi daqstant każwali li ma jivverifikawx min kien għamilhom. Qalet li anki jekk fl-agħar ipotesi dawn ir-ritratti kellhom jiġu legalment u ġuridikament aċċettati, dawn waħedhom ma joffrux is-serħan tal-moħħ sal-grad rikjest mil-liġi, li hija kienet qiegħda tiġġestixxi xi attività kummerċjali li b'konsegwenza tagħha hija ma baqgħetx eliġibbli sabiex tirċievi l-għajnuna soċjali kif ġie deċiż mill-Arbitru.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. Fir-risposta tal-appell tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb li l-appell interpost huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex għandu jirriżulta li l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu *ai termini* tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta wara li għarbel il-provi kollha tal-każ skont ir-rekwiżiti tal-ġustizzja u l-ekwità. Qal li għalhekk fil-fehma tiegħu d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata.

13. Id-Direttur Ġenerali appellat spjega li fl-4 ta' Jannar, 2017, kienet intbagħtet ittra lill-appellanta, fejn din ġiet imfakkra li għandha tirrifondi lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali is-somma ta' €34,933.08, rappreżentanti ħlasijiet li kienu saru lilha mid-Diparitment bħala benefiċċji u għajnuna soċjali li ma kinux dovuti lilha. Kompla jgħid li l-appellanta dehrilha li kellha tappella minn din id-deċiżjoni, u għalhekk, permezz ta' ittra tas-17 ta' Jannar, 2016 mibgħuta lis-Segretarja tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali, hija ressqet l-appell tagħha fejn

saħqet li hija la qatt kienet impjegata u lanqas ma kienet timpjega lilha nnifisha, u għalhekk hija ma kellha tirrifondi l-ebda flus lura lid-Dipartiment. Għal din l-ittra, id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb li l-ittra li huwa bagħat lill-appellanta ma kinitx deċiżjoni appellabbli, iżda sempliċement avviż biex ifakkarha li hija kellha tirrifondi l-imsemmija somma lid-Dipartiment, u għalhekk talab li l-appell tal-appellanta jitqies irritu u null. Kompla jgħid li l-Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni dwar in-nullità tal-appell tal-appellanta, u għalhekk il-każ kompla jinstema' mill-Arbitru. L-appellat kompla jgħid li minkejja li l-appellanta ressqet appell wieħed biss quddiem l-Arbitru, jiġifieri dak tas-17 ta' Jannar, 2016, għal xi raġuni s-Segretarja tal-Arbitru fetħet żewġ inkartamenti dwar dan il-każ, u fid-9 ta' Ġunju, 2021, l-Arbitru ta żewġ deċiżjonijiet identiċi fir-rigward, waħda bin-numru 152/21 li tagħmel parti mill-inkartament UMP 042/17, li minnha sar l-appell odjern; u oħra li ġġib in-numru 141/21, li tagħmel parti mill-inkartament bin-numru UMP 043/17. L-appellat qal li minn din l-aħħar deċiżjoni ma sar l-ebda appell mill-appellanta. Qal ukoll li minn dawn iż-żewġ inkartamenti, għandu jirriżulta li l-inkartament bin-numru UMP 043/17 isegwi l-inkartament li għandu n-numru UMP 042/17. Id-Direttur Ġenerali appellat spjega li huwa kien appella mid-deċiżjoni tal-Arbitru tal-31 ta' Ottubru, 2018, wara li l-Arbitru ċaħad l-eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali appellat dwar in-nullità tal-appell. Qal li sussegwentement, permezz ta' sentenza tat-12 ta' Diċembru, 2019, din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet l-aggravju mressaq mid-Direttur Ġenerali appellat fir-rikors tal-appell tiegħu, u b'hekk l-atti ġew rinvijati lura quddiem l-Arbitru sabiex l-appell oriġinali tal-appellanta jinstema' fuq il-mertu.

14. Id-Direttur Ġenerali appellat spjega li minn dawn iż-żewġ inkartamenti, jidher li wara li l-inkartament oriġinali ġie ritornat lill-Arbitru fit-30 ta' Diċembru,

2019, infetaħ proċess ġdid u d-dokumenti kollha relatati mal-appell odjern jinsabu f'dan l-inkartament. Qal li għalhekk huwa imperattiv li din il-Qorti jkollha quddiemha ż-żewġ inkartamenti, kif fil-fatt sar, sabiex tkun tista' tagħti l-ġudizzju tagħha.

15. L-appellat qal li l-ewwel żewġ deċiżjonijiet tad-Dipartiment, jiġifieri dawk tal-10 ta' Mejju, 2010 u tal-24 ta' Ġunju, 2010, jirrigwardaw ħlas żejjed li sar lill-appellanta bħala għajnuna soċjali. Qal li dan il-ħlas żejjed sar meta l-appellanta kienet impjegata fuq bażi *part-time,* u għalhekk hija ma kinitx intitolata għar-rata sħiħa ta' din l-għajnuna, minħabba f'dak li jipprovdu l-artikolu 30, Taqsimiet II u VI tat-Tieni Skeda, u t-Taqsimiet I u V tas-Sitt Skeda tal-Kap.318 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat għamel riferiment għall-kumplament tal-ħlasijiet żejda li saru, jiġifieri l-ħlasijiet żejda f'Għajnuna Soċjali u *Child Supplement* indikati fid-deċiżjonijiet tal-25 ta' Novembru, 2015, u tas-7 ta' Jannar, 2016 rispettivament, kif ukoll il-ħlas żejjed f'Benefiċċju tal-Enerġija, liema ħlasijiet żejda ġie determinat li tħallsu lill-appellanta wara li saret investigazzjoni mill-Ispetturi tad-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi u ta' Benefiċċji, minn fejn irriżulta li l-appellanta kellha qligħ u dħul li ma kienx iddikjarat mad-Dipartiment.

16. Id-Direttur Ġenerali appellat għamel riferiment għall-konklużjonijiet tar-rapport tal-Ispetturi tad-Dipartiment, li spjegaw li l-investigazzjoni fil-konfront tal-appellanta nbdiet meta hija pparteċipat fi programm televiżiv, u ġiet inkwadrata bħala l-persuna responsabbli mit-tmexxija tal-post 'L-Arka ta' Noé' fis-Siġġiewi. Qal li minn informazzjoni li nstabet fuq l-*internet,* irriżulta li l-appellanta qiegħda taħdem, u hija direttament involuta f'negozju li jispeċjalizza fil-qasam tas-saħħa fiżika bl-isem ta' 'Vivibodyworks', u fuq is-sit elettroniku

abbinat ma' dan l-isem, hemm diversi testimonjanzi ta' persuni li għamlu użu mis-servizzi pprovduti mill-appellanta. Ġie stabbilit ukoll li fuq il-paġna ta' Facebook ta' 'Vivibodyworks', kien hemm diversi avviżi u reklami bis-servizzi pprovduti mill-appellanta, inklużi avviżi dwar il-ħinijiet li fihom din tagħti s-servizzi, u l-postijiet fejn ikunu ser isiru s-sessjonijiet ta' taħriġ mogħtija minnha. L-appellat qal li f'artiklu li deher fuq ġurnal lokali, intefa' dawl fuq ir-rwol tal-appellanta fil-ġestjoni tal-post bl-isem 'L-Arka ta' Noé', fejn intqal ukoll li hija taħdem bħala *fitness coach, personal trainer* u *massage therapist.* L-appellat qal li skont il-profil tat-taxxa tal-appellanta miksub mit-*Tax Compliance Unit,* irriżulta li fl-1 ta' Lulju, 2018 l-appellanta kienet involuta fi transazzjoni ta' bejgħ ta' proprjetà li kellha l-valur komplessiv ta' €102,492, fejn l-appellanta kienet waħda minn ħames bejjiegħa ta' fond fil-Fgura. Żied jgħid li l-appellanta ma kinitx innotifikat lid-Dipartiment b'din it-transazzjoni. Mir-rapport jirriżulta wkoll li mill-ispezzjoni tar-residenza tal-appellanta ma rriżulta xejn irregolari, u waqt din l-ispezzjoni l-appellanta ċaħdet li hija kienet taħdem bi qligħ, u implikat ukoll li l-informazzjoni misjuba fuq l-*internet* mhijiex veritiera. Hija sostniet ukoll li bħala *single parent* hija tista' taħdem, u li f'dak l-istadju hija diġà kienet qiegħda tħallas lura lid-Dipartiment il-ħlas żejjed li kienet irċeviet f'Għajnuna Soċjali għall-perijodu li matulu hija kienet impjegata fuq bażi *part-time.* L-appellat żied jgħid li l-appellanta kienet ammettiet ukoll mal-Ispetturi li hija kienet tagħmel xogħol volontarju ġewwa l-Arka ta' Noé, għalkemm qalet li s-sid tar-razzett kien juri l-apprezzament tiegħu lejha billi jgħinha finanzjarjament tħallas is-self bankarju li hija kellha. L-appellat qal li lejn l-aħħar tal-ispezzjoni, l-appellanta kienet għaddiet in-numru tal-*mobile* tagħha lill-Ispetturi, liema

numru kien jaqbel eżattament ma' dak li jidher fuq il-messaġġi promozzjonali fuq il-paġna ta' Facebook bl-isem 'Vivibodyworks'.

17. L-appellat qal li l-appell tal-appellanta huwa bbażat fuq tliet binarji. Fl-ewwel lok hija tgħid li meta saret l-ispezzjoni fir-residenza tagħha, ma nstab xejn li kien relatat ma' xi attività kummerċjali. Fit-tieni lok hija tgħid li r-ritratti esebiti mar-rapport tal-Ispetturi mhumiex ammissibbli bħala prova, għaliex ma ġewx ikkonfermati minn min suppost għamilhom jew irrilaxxjahom. Fit-tielet lok, spjega l-appellat, id-dokumenti u r-ritratti mehmuża mar-rapport ma jippruvawx sal-grad rikjest mil-liġi li l-appellanta kienet qiegħda tmexxi attività kummerċjali li rrendietha ineliġibbli għall-benefiċċji soċjali. Qal li għalhekk, in suċċint, l-appellanta qiegħda ssejjes l-aggravju tagħha fuq l-apprezzament ħażin tal-provi da parti tal-Arbitru. L-appellat qal li mir-rikors tal-appell ma jirriżultax li l-appellanta qiegħda tilmenta minn deċiżjonijiet li ttieħdu mid-Dipartiment fl-10 ta' Mejju, 2010 u fl-24 ta' Ġunju, 2010, li jirrigwardaw ħlasijiet żejda ta' għajnuna soċjali li saru lill-appellanta, wara li ġie stabbilit li fis-snin 2006, 2007, 2008 u 2009 l-appellanta kienet impjegata fuq bażi *part-time* mal-kumpannija Dragonara Casino Limited. Sussegwentement ġie stabbilit li l-appellanta għandha tħallas lura l-ammonti ta' €7,542.18 u €6,087.96. L-appellat jgħid li l-appellanta donnha li bl-appell tagħha qiegħda tipprova tiskredita biss il-provi li rriżultaw mill-investigazzjoni li saret mill-Ispetturi tad-Dipartiment, u mhux ukoll deċiżjonijiet li ttieħdu madwar ħmistax-il sena qabel saret l-investigazzjoni in kwistjoni, jiġifieri l-flus li hija ntalbet tirrifondi wara li ġie stabbilit li hija kienet impjegata fuq bażi *part-time*. Żied jgħid li fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta ma ssemmi xejn dwar il-fatti u l-provi li wasslu biex ittieħdu d-deċiżjonijiet tal-10 ta' Mejju, 2010 u tal-24 ta' Ġunju, 2010 mid-Dipartiment,

tant hu hekk li dakinhar li saret l-ispezzjoni fir-residenza tal-appellanta, din infurmat lill-Ispetturi li dak iż-żmien hija kienet diġà qiegħda tirrifondi l-ħlas żejjed li sar għall-perijodu meta hija kienet taħdem. L-appellat qal li mill-artikolu 30, sub-inċiż (6) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jirriżulta li l-appellanta ma setgħetx tkun eliġibbli għall-ammont sħiħ ta' Għajnuna Soċjali, u dan ladarba hija kienet qiegħda tagħmel xogħol fuq bażi *part-time.*

18. L-appellat qal ukoll li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza sabiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi kif għamlu fl-ewwel u fit-tieni lok id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u l-Arbitru rispettivament, u din il-qorti ta' reviżjoni ma tistax tagħmel mill-ġdid valutazzjoni tal-provi kapriċċożament jew għal raġunijiet superfluwi. Qal ukoll li l-appellanta baqgħet ma pprovdietx lil din il-Qorti b'raġuni valida għaliex hija għandha tagħmel rivalutazzjoni tal-provi. Qal ukoll li mill-ispezzjoni li saret mill-Ispetturi li ntbagħtu fid-dar tal-appellanta, ma rriżulta xejn irregolari, iżda mill-investigazzjoni separata li saret, jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-appellanta tagħmel attività kummerċjali. Qal li fil-fatt ir-rapport redatt mill-Ispetturi jagħti stampa ċara tal-fatti kollha, li meta miġbura flimkien, wasslu għall-konklużjoni li l-appellanta kienet qiegħda tagħmel qligħ mis-servizzi li kienet qegħda tipprovdi. L-appellat għamel riferiment għar-reklami li dehru fuq siti elettroniċi, fejn jirriżulta li l-appellanta tirreklama s-servizzi li tipprovdi, il-ħlas għalihom, kif ukoll il-ġranet meta tipprovdi dawn is-servizzi, b'tali mod li wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li hija tagħti dawn is-servizzi fuq bażi regolari. L-appellat għamel riferiment għal testimonjanza li dehret fuq is-sit li fuqu tirreklama s-servizzi tagħha l-appellanta, fejn persuna partikolari għamlet riferiment għall-fatt li kienet ilha tuża s-servizzi tal-

appellanta sa mill-2012. Qal ukoll li lanqas ma jista' jintqal li x-xogħol li tagħmel l-appellanta fil-post bl-isem ta' 'L-Arka ta' Noé', qiegħed isir minnha fuq bażi volontarja, u dan għaliex hija stess qalet li s-sid kien jgħinha finanzjarjament biex tħallas is-self bankarju li kellha. L-appellat qal li minn dan kollu għandu jirriżulta li l-appellanta hija nvolutà f'attività kummerċjali bi qligħ, liema qligħ hija naqset li tiddikjara mad-Dipartiment. Qal li din is-sitwazzjoni wasslet biex id-Dipartiment ma setax jiddetermina jekk l-appellanta kinitx għadha eliġibbli għall-għajnuna soċjali ipprovduta lilha, u kien għalhekk li ġie deċiż li l-appellanta m'għadhiex eliġibbli għall-benefiċċji soċjali. L-appellat qal li *ai termini* tal-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanta kellha l-obbligu li tinforma lid-Dipartiment bi kwalunkwe tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha, xi ħaġa li hija naqset milli tagħmel. Qal ukoll illi ladarba ġie stabbilit li l-appellanta qiegħda tirċievi l-għajnuna soċjali b'qerq, id-Dipartiment ma setax jibqa' passiv u jonqos milli jaġixxi sabiex jiżgura li jieqaf l-abbuż li qiegħed isir minn fondi pubbliċi.

19. L-appellat għamel ukoll riferiment għas-sottomissjoni tal-appellanta li xi provi li tressqu mill-appellat mhumiex ammissibbli. Qal li l-artikolu 558 tal-Kap. 12, jistipula li kull prova hija ammissibbli jekk hija loġikament rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet. Żied jgħid li fil-każ tal-lum, il-prova ewlenija hija r-rapport investigattiv li sar mill-Ispetturi tad-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji, liema rapport jinkludi fih għadd ta' dokumenti li jissostanzjaw ir-riżultanzi tal-istess rapport. Qal li dan ir-rapport huwa ammissibbli u jagħmel prova legali fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, u l-Arbitru ma sab l-ebda raġuni għalfejn m'għandux jemmen il-kontenut tiegħu u d-dokumenti mehmuża miegħu. Kompla jgħid li kien jinkombi fuq l-appellanta li

tressaq provi sodisfaċenti li hija ma kinitx qiegħda taħdem bi qligħ fil-perijodi li fihom hija kienet qiegħda tirċievi l-għajnuna u l-benefiċċji soċjali mingħand id-Dipartiment. L-appellat qal li l-appell quddiem l-Arbitru sar mill-appellanta stess, u għalhekk kien jispetta lilha li tressaq provi konkreti sabiex tissostanzja l-appell tagħha kontra d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, kif ukoll li tipprova li hija tissodisfa r-rekwiżiti dettati mil-liġi għall-finijiet ta' eliġibbilità għall-għajnuna soċjali. L-appellat qal li l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' għajnuna u benefiċċji soċjali huwa dejjem fuq min jitlob l-għajnuna. L-appellat qal li l-appellanta ma ressqet l-ebda prova sabiex turi li hija ma kinitx qiegħda taħdem waqt li kienet qiegħda tirċievi l-benefiċċji soċjali, u wieħed kien jistenna li l-appellanta tixhed u tikkonferma bil-ġurament tagħha li hija ma kinitx qiegħda taħdem bi qligħ, u li dak li ġie rappurtat dwarha mill-Ispetturi ma kienx minnu. L-appellat qal li s-silenzju da parti tal-appellanta u n-nuqqas tagħha li tressaq provi in sostenn tal-appell tagħha, jikkostitwixxu prova kontra tagħha. Qal li dan għandu jwassal għall-konvinċiment morali li l-appellanta kienet qiegħda taħdem bi qligħ. L-appellat qal li fl-aħħar mill-aħħar għandu jirriżulta li l-appellanta kienet involuta f'bejgħ ta' proprjetà li baqgħet ma nfurmatx lid-Dipartiment dwaru, u dan il-fattur kellu jirrendi lill-appellanta persuna li mhijiex denja li tirċievi l-benefiċċji soċjali. L-appellat qal li l-appellanta baqgħet ma ressqet l-ebda ilment relatat ma' dan il-fattur, la fl-appell oriġinali u lanqas quddiem l-Arbitru, u għalhekk ma jirriżultax li hija qiegħda tikkontesta l-fatt li kellha dħul minn bejgħ ta' proprjetà.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

20. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju waħdieni mressaq mill-appellanta li fir-rikors tal-appell tagħha qiegħda tilmenta mill-fatt li l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi li tressqu quddiemu, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu hija waħda żbaljata. L-appellanta qalet li l-fatt li kellha xi ħbieb li kkumplimentawha dwar klassijiet ta' taħriġ fiżiku li kienet torganizza, ma kellux iwassal lill-Arbitru għall-konvinċiment li hija kienet qiegħda tmexxi din l-attività bi qligħ. L-appellanta għamlet riferiment għall-ispezzjoni li saret fir-residenza tagħha minn fejn ma rriżulta xejn irregolari, kif ukoll għall-fatt li d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u l-Arbitru straħu fuq ritratti u testimonjanzi li ttellgħu fuq il-mezzi soċjali, mingħajr ma vverifikaw min kien tella' dawn ir-ritratti, u qalet li għalhekk dawn mhumiex ammissibbli bħala provi.

21. Il-Qorti kkonsidrat li l-appellanta ilha tirċievi benefiċċji u għajnuna soċjali għal numru ta' snin, tant hu hekk li l-ewwel darba li hija ntalbet tirrifondi ħlasijiet indebiti li saru lilha kien fl-10 ta' Mejju, 2010, wara li ġie stabbilit li l-appellanta kienet qiegħda taħdem fuq bażi *part-time,* u għalhekk ma kinitx eliġibbli għall-benefiċċji u l-għajnuna soċjali kollha li kienet qiegħda tirċievi. Jirriżulta wkoll li meta saret l-investigazzjoni fir-residenza tal-appellanta, din kienet diġà bdiet trodd lura parti mill-benefiċċji li kienet irċeviet b'mod indebitu, u dan mingħajr ma ressqet xi forma ta' appell minn dik id-deċiżjoni. Mill-atti jirriżulta li l-investigazzjoni fil-konfront tal-appellanta nbdiet wara li hija ipparteċipat b'mod mill-aktar pubbliku u apert fuq programm tat-televiżjoni, fejn ippreżentat ruħha bħala persuna li tamministra l-post bl-isem ta' 'L-Arka ta'

Noé', fis-Siġġiewi, li kif inhu magħruf huwa post iffrekwentat għaliex fih jinżammu diversi annimali eżotiċi. Fl-istess intervista, intqal li l-appellanta kienet tipprovdi servizzi dwar *fitness*, eżerċizzju fiżiku u kura tas-saħħa, bħal massaġġi terapewtiċi, u minn hawnhekk ġie stabbilit li l-appellanta tirreklama s-servizzi tagħha fuq il-mezzi soċjali taħt l-isem 'Vivibodyworks'. Dan ġie kkonfermat mill-Ispetturi tad-Dipartiment wara li saret investigazzjoni fir-residenza tal-appellanta, meta l-appellanta ħalliet magħhom in-numru tal-*mobile* tagħha, u dawn setgħu jikkonfermaw li dan in-numru jikkombaċja perfettament man-numru li kien jidher fuq ir-reklami tas-servizzi li tippresta l-appellanta. Dawn ir-reklami jindikaw ukoll il-postijiet, il-ġranet u l-ħinijiet li fihom l-appellanta tipprovdi s-servizzi tagħha, u kien in vista ta' dawn ir-riżultanzi li l-appellat wasal għall-konklużjoni li hemm indizji ċari li l-appellanta hija involuta f'attività kummerċjali bi qligħ.

22. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-appellanta kienet wirtet sehem minn proprjetà immobbli li sussegwentement inbiegħet, u hija rċeviet sehem mill-prezz tal-bejgħ ta' din il-proprjetà mingħajr ma infurmat b'dan lid-Direttur Ġenerali appellat.

23. Quddiem dawn ir-riżultanzi, huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti li taqbel mal-pożizzjoni tal-appellanta, li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi miġjuba quddiemu. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva wkoll li l-appellanta kellha l-obbligu li tinforma lid-Direttur Ġenerali appellat bi kwalsiasi tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha, iżda hija naqset milli tagħmel dan kemm meta sabet impjieg bi qligħ, kif ukoll meta biegħet sehemha minn proprjetà immobbli. Il-Qorti tirrileva li l-għajnuna u l-benefiċċji soċjali huma maħsuba sabiex minnhom

jibbenefika min tassew għandu bżonn jiġi mwieżen mill-Istat. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellanta naqset li tinforma lid-Direttur Ġenerali appellat li hija kienet biegħet sehem li kellha fi proprjetà immobbli, u għalhekk daħħlet kapital li setgħet tgħix bih almenu għal xi żmien, kif ukoll naqset milli tinforma lid-Direttur Ġenerali appellat li hija kienet involuta f'attività kummerċjali bi qligħ. Anki l-istqarrija tal-appellanta li x-xogħol tagħha f''L-Arka ta' Noé kien isir minnha mingħajr ħlas, hija stqarrija li sussegwentement ġiet kontradetta minnha stess, meta hija qalet li s-sid tal-post kien jgħaddilha għajnuna finanzjarja sabiex setgħet tħallas is-self bankarju li kellha. Dan kollu jindika li għax-xogħol li kienet tagħmel, l-appellanta kienet titħallas.

24. Il-Qorti tfakkar li bħala benefiċjarja tal-għajnuna soċjali, l-appellanta kellha l-obbligu li tipprova li hija intitolata għal din l-għajnuna, u li fi proċeduri bħal dawn, iġġib provi suffiċjenti sabiex tipprova li dak allegat mid-Direttur Ġenerali appellat m'għandux mis-sewwa, jew li l-appellat naqas mir-raġonevolezza meta ħa d-deċiżjoni tiegħu. Imma dan baqa' ma sarx min-naħa tal-appellanta.

25. Il-Qorti tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Noel Apap** ***vs.*** **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**[1], fejn għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Il-Qorti tirrileva li quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn, hija għandha r-responsabbilità li tħares lil dawk kollha li jħallsu t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali, u għalhekk f'każijiet fejn persuna evidentement mhix eliġibbli sabiex tirċievi għajnuna soċjali għaliex m'għandhiex bżonn tal-għajnuna, dik il-persuna għandha tiġi ordnata tirrifondi lura l-ħlasijiet żejda li tħallsu lilha."

[1] 11.11.2020.

26. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti għalhekk tqis li l-apprezzament li għamel l-Arbitru, wasslu għal deċiżjoni raġonata abbażi tal-fatti li tressqu quddiemu, u għalhekk din id-deċiżjoni hija ġuridikament ineċċepibbli u m'għandhiex tiġi disturbata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu'**
**Deputat Reġistratur**